

EBA/GL/2022/10

29/07/2022

Linji gwida

dwar il-kriterji għall-eżenzjoni tad-ditti ta' investiment mir-rekwiżiti ta' likwidità f'konformità mal-Artikolu 43(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

L-istatus ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-UE għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom jaapplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 28.11.2022. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifikasi għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2022/10". In-notifikasi għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità trid tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. Skont l-Artikolu 16(3), in-notifikasi se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA.

¹ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwidajispeċifikaw aktar il-kriterji li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu meta jeżentaw ditti ta' investiment imsemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 mir-rekiżi ta' likwidità f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2019/2033.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw għal ditti ta' investiment fuq bażi individwali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2019/2033.

Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4, il-punti (2)(i) u (2)(viii) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 4, il-punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li huma ditti ta' investiment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-kwalifika bħala ditti ta' investiment żgħar u mhux interkonnessi stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.

Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u ddefiniti fid-Direttiva (UE) Nru 2019/2034 u fir-Regolament (UE) Nru 2019/2033 għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

3. Implementazzjoni

Data ta' applikazzjoni

9. Dawn il-linji gwida japplikaw minn 28.11.2022.

4. Linji gwida

4.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

10. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw ditta ta' investiment li tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-kwalifika bħala ditta ta' investiment żgħira u mhux interkonnessa kif stabbilit fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 mir-rekwiżiti ta' likwidità stabbiliti fl-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 fejn ditta ta' investiment tissodisfa l-kriterji għall-eżenzjoni stabbiliti f'dawn il-linji gwida.
11. Meta awtorità kompetenti tkun imponiet rekwiżiti ta' likwidità speċifiċi skont l-Artikolu 42 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 fuq ditta ta' investiment, din id-ditta ta' investiment tista' tiġi eżentata mir-rekwiżiti ta' likwidità biss meta din ma tibqax soġġetta għal tali rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità f'konformità mal-Artikolu 42 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.
12. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżentaw ditta ta' investiment mir-rekwiżiti ta' likwidità skont l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 biss abbażi ta' talba għall-eżenzjoni minn ditta ta' investiment. Flimkien ma' din it-talba, id-ditta ta' investiment għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha neċċessarja biex l-awtorità kompetenti tivaluta jekk ir-rekwiżiti ta' dawn il-linji gwida humiex issodisfati. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-attività tad-ditta ta' investiment u kif id-ditta ta' investiment tissodisfa r-rekwiżiti għall-eżenzjoni.

4.2 Ditti ta' investiment eliġibbli għall-eżenzjoni

13. Għall-eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' likwidità skont l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw biss ditti ta' investiment li jipprovd s-sett limitat ta' servizzi ta' investiment li ġejjin:
 - i) ir-riċeżżjoni u t-trażmissjoni tal-ordnijiet b'rabta ma' strument jew strumenti finanzjarji kif imsemmi fl-Anness I, Taqsima A, il-punt (1) tad-Direttiva 2014/65/UE;
 - ii) l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem il-klijenti kif imsemmi fl-Anness I, Taqsima A, il-punt (2) tad-Direttiva 2014/65/UE;
 - iii) il-ġestjoni ta' portafolli kif imsemmi fl-Anness 1, Taqsima A, il-punt (4) tad-Direttiva 2014/65/UE;
 - iv) il-konsulenza dwar investimenti kif imsemmi fl-Anness I, Taqsima A, il-punt (5) tad-Direttiva 2014/65/UE;
 - v) it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji mingħajr bażi ta' impenn sod kif imsemmi fl-Anness I, Taqsima A, il-punt (7) tad-Direttiva 2014/65/UE.

14. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk is-servizzi anċillari pprovduti minn ditta ta' investiment iwasslux għal riskju ta' likwiditā. Ditta ta' investiment li tinvolvi ruħha f'attivitajiet bħall-għoti ta' krediti jew self lil investitur hija esposta għal riskju ta' likwiditā ogħla u għalhekk ditta ta' investiment bħal din m'għandhiex tkun eżentata mir-rekwiżiti ta' likwiditā.
15. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk servizzi oħra pprovduti minn ditta ta' investiment iwasslux għal riskju ta' likwiditā billi jipprovdu garanziji lil klijenti jew partijiet terzi, peress li huma wkoll soġġetti għal rekwiżiti ta' likwiditā ogħla f'konformità mal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2019/2033. L-istess valutazzjoni għandha titwettaq għal ditta ta' investiment li tagħmel self ta' titoli, peress li ditta ta' investiment tkun esposta għal riskju ta' likwiditā minħabba li jista' jkun li min jissellef ma jkunx jista' jrodd lura t-titoli fil-ħin jew fuq talba lid-ditta ta' investiment.
16. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw pożizzjonijiet fuq jew barra l-karta bilanċjali, inkluż pożizzjonijiet tad-derivattivi ta' portafoll mhux tan-negozjar miżmuma għal skopijiet ta' ħeġġjar, meta jkunu qed jeżentaw ditta ta' investiment mir-rekwiżiti ta' likwiditā, peress li ditta ta' investiment li jkollha ammonti sinifikanti ta' pożizzjonijiet bħal dawn barra l-karta bilanċjali tista' tkun esposta għal riskju ta' likwiditā materjali.
17. L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jagħtu eżenzjoni meta ditta ta' investiment tinvolvi ruħha fuq skala sinifikanti fi tranżazzjonijiet f'muniti barranin u l-kapaċità tad-ditta ta' investiment li tibdel il-muniti u l-aċċess tagħha għas-swieq tal-kambju barranin rilevanti jista' jkun imxekkel taħt kundizzjonijiet ta' stress.

4.3 Kriterji għall-eżenzjoni

18. L-awtoritajiet kompetenti, wara li jirċievu talba minn ditta ta' investiment, għandhom jivvalutaw jekk dik id-ditta ta' investiment tistax tiġi eżentata mir-rekwiżiti ta' likwiditā abbażi tal-ħtiġijet tar-riżorsi finanzjarji tad-ditta ta' investiment għal likwidazzjoni jew ristrutturar ordnat.
19. Għall-iskop tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 18, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu r-riskji tad-ditta ta' investiment għall-klijenti tagħha u għad-ditta nnifisha, in-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha u t-tipi ta' attivitajiet imwettqa mid-ditta u, jekk disponibbli, kwalunkwe eżitu tar-rieżami superviżorju u evalwazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.
20. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw ditta ta' investiment li qed tipprovd i-l-ġestjoni ta' portafolli jew il-konsulenza dwar investimenti fuq bażi kontinwa meta d-ditta ta' investiment tigħżejjixxi assi li jkunu ddelegati lilha minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

21. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tar-riżorsi finanzjarji likwidi għandha titwettaq kemm taħt kundizzjonijiet normali kif ukoll taħt kundizzjonijiet ta' stress, li jwasslu għal riskju oħla ta' spariġġ bejn il-ħruġ u d-dħul, b'mod partikolari fir-rigward ta' pagamenti relatati ma' pożizzjonijiet barra l-karta bilanċjali jew kostijiet legali.

4.4 Informazzjoni li jeħtieġ tingħata

22. Għall-iskop tal-valutazzjoni għall-eżenzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-informazzjoni rilevanti kollha, bħal, fejn disponibbli: (i) rapportar regolatorju, (ii) kontabilità u rapportar finanzjarju, (iii) il-kontijiet interni tad-ditta ta' investiment, (iv) il-konklużjonijiet tal-ILAAP u tal-ICAAP, (v) il-pjanijiet ta' likwidazzjoni tad-ditta ta' investiment.
23. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jitkol kwalunkwe informazzjoni addizzjonal iż-żejjha biex jiżguraw li d-ditta ta' investiment li tkun qed titlob l-eżenzjoni ma tkunx esposta għal riskju ta' likwidità.
24. F'każ ta' bidla materjali fl-informazzjoni sottomessa mat-talba għall-eżenzjoni, ditta ta' investiment għandha mingħajr dewmien tissottommetti mill-ġdid l-informazzjoni emendata.

4.5 L-emenda u l-irtirar tal-eżenzjoni

25. L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jagħtu eżenzjoni lil ditta ta' investiment jekk jikkunsidraw li ditta ta' investiment ma tikkonformax mal-kriterji għall-eżenzjoni fiż-żmien tat-talba jew aktarx li mhux se tikkonforma mal-kriterji sussegwentement.
26. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-ditta ta' investiment tinforma lill-awtorità kompetenti jekk ikun hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-attivitajiet tad-ditta ta' investiment li huma relatati mal-konformità mal-kriterji ta' eżenzjoni.
27. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw l-eżenzjoni jekk jikkunsidraw li d-ditta ta' investiment m'għadhiex tikkonforma mal-kriterji ta' eżenzjoni stabbiliti f'dawn il-linji gwida jew jekk, fi kwalunkwe stadju, l-awtorità kompetenti tikkunsidra li huwa neċċessarju għad-ditta ta' investiment li tkun digħi kisbet eżenzjoni li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' likwidità minħabba ħtiġijiet ta' likwidità potenzjali fil-futur. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw immedjatament lid-ditta ta' investiment dwar id-deċiżjoni li tīgħi rtirata l-eżenzjoni.
28. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-ditta ta' investiment tikkonforma mar-rekwiżiti ta' likwidità stabbiliti fl-Artikolu 43(1) sa mhux aktar tard minn 90 jum wara d-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirrevoka l-eżenzjoni.